# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

---

**Illum 15 ta’ April 2021**

Appell numru 225/2020

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Ivan GRECH MINTOFF**

Il-Qorti rat is-segwenti :

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar il-15 ta’ Ottubru 2020 fil-konfront ta’ Ivan GRECH MINTOFF detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 267966M li ġie mixli talli nhar it-3 ta’ April 2020 ġewwa 2, ‘Salina Park’ Flat 1 Triq Il-Kappella tal-Lunzjata, Naxxar u/jew f’dawn il-Gżejjer Maltin mingħajr il-ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontra l-liġi iżda biss biex jeżerċita dritt li jippretendi li għandu, ġiegħel bl-awtorita’ tiegħu

nnifsu lil xi ħadd iħallas dejn jew jesegwixxi obbligazzjoni tkun li tkun jew fixkel lil martu fil-pussess ta’ ħwejjiġha b’xi mod ieħor kontra l-liġi jew indaħal fi ħwejjeġ ta’ ħaddieħor.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar ‘il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali wara li rat l-Artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali, sabet lill-imputat GRECH MINTOFF ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u kkundannatu tliet xhur priġunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali, dan l-isemmi terminu ta’ priġunerija ġie sospiż għall-perjodu ta’ tnax-il xahar mid-data tas-sentenza. In oltre, bl-applikazzjoni tal-Artikoli 85(2) u 377 tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti ordnat lill-imputat sabiex fi żmien ħmistax-il ġurnata mid-data tas-sentenza jagħti aċċess u ċavetta lil Carolanne Mifsud għar-residenza u fin-nuqqas li l-imputat jagħmel dan, tibda tiddekorri ammenda ta’ ħamsin Ewro kuljum għal kull ġurnata ta’ inadempjenza sakemm Carolanne Mifsud ikollha aċċess sħiħ għall-imsemmija residenza.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi l-appellant appella minn din is-sentenza, fejn talab lil din il-Qorti sabiex tħassar u tikkanċella s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u konsegwentement tiddikjara lill-appellant mhux ħati tal-imputazzjonijiet lilu addebitati u/jew f’każ li ma tilqax l-aggravju dwar

il-mertu, tvarja l-istess f'dik il-parti tagħha li tikkonċerna l-piena inflitta u dan wara li stqarr is-segwenti:

i. L-ewwel Qorti għamlet enunċjazzjoni skorretta tal-liġi meta saħqet u kkonkludiet li l-proviso tal-Artikolu 85(1) tal-Kap. 9 ma kienx applikabbli għal każ odjern u b'hekk erronjament waslet għall-konklużjoni ta' ħtija. Filwaqt li huwa minnu li dan il-proviso ġie ntrodott mil-leġislatur mad-dħul fis-seħħ tal-Gender Based Violence And Domestic Act, il-leġislatur ma llimitax dan il-proviso għal reati relatati ma' vjolenza dwar il-ġeneru. Dan ifisser li d-diċitura adoperata mil-leġislatur hija tali li toffri protezzjoni u linja difensjonali lil kulħadd. Dan il-prinċipju huwa rikonoxximent mil-leġislatur tal-prinċipju vim vi repellere licit u dan japplika wkoll għall-propjeta' mhux biss għall-persuni. Dan huwa abbraċċjat ukoll minn Carrara li jgħid hekk: non e soltanto applicabile alla repulsa delle offese personali, essa si estende a qualunque repulso di ingiusta attacco alla proprieta, quando la difesa si eserciti entro i limiti del moderame'.

ii. Fl-isfond ta' dak sottomess fl-ewwel aggravju, il-Qorti għamlet ukoll enunċjazzjoni skorretta tal-liġi meta ġiet biex tindirizza l-A.L. 111/2020 biex b'hekk waslet għall-konklużjoni ta' ħtija. Filwaqt li huwa minnu li mhemmx impost obbligu fuq il-parte civile li ma toħroġx mid-dar, pero' mal-A.L. kienu jsiru wkoll varji rakkomodandazzjonijiet u ċertament li persuna vulnerabbli ma tkunx esposta għall-perikolu kienet rakkomandazzjoni li wieħed ma jistax jieħu b'leġġerezza. Din ir-rakkomandazzjoni lill-ewwel Qorti sfuġġietilha kompletament. Is-sentenza appellata interpretat bl-invers id-depożizzjonijiet ta' Gordon u Stephen Mifsud, ħut il-parte civile. Dak li jirriżulta mid-depożizzjoni tagħhom huwa l-oppost ta' dak mistqarr mill-ewwel Qorti għax juru biċ-ċar li ma kien hemm assolutament ebda impediment li l-parte civile taħdem mid-dar.

   L-għemil tal-imputat kien intiż biex jissalvagwardja lill-ibnu u jaġixxi mar-rakkomandazzjonijiet tas-saħħa. Tabilhaqq dan l-argument jissaħħaħ għax kien hu stess li irraporta lill-Pulizija. Il-parte civile ngħatat anki l-ħwejjeġ tagħha inkluż il-vettura.

   Il-Qorti skartat anki l-kontenut tal-sms li l-imputat bgħatt lill-parte civile. Minflok l-ewwel Qorti straħet fuq recording ta' telefonata bejn il-partijiet biex tirriskontra r-reita fit-3 ta' April 2020. Pero dak li sfuġġa lill-Qorti huwa li din it-telefonata saret ħafna wara u ċertament mhux fit-3 ta' April 2020. Għalhekk mhux rilevanti x'ġie diskuss wara jew x'ittri nbgħatu minn omm l-appellant bħala sid il-post saħansitra 19-il sena ilu.

iii. Piena eċċessiva. L-appellant mgħadux jirrisjedi fil-fond u għalhekk jinsab fl-impossibilita li jesegwixxi dak mitlub ai termini tal-Art. 85(2) u 377 tal-Kap. 9.

## D. IL-KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

**Ikkunsidrat**

4. Illi l-appellant huwa miżżewweġ lill-parte ċivile, Carolanne Mifsud, u minn dan iż-żwieġ kellhom żewgt itfal. Wieħed minn dawn it-tfal ibagħti mill-kundizzjoni tad-dijabete (type one) u li għalhekk jeħtieġ ċertu kura u attenzjoni. L-appellant, Carolanne Mifsud u wliedhom kienu jgħixu fir-residenza, 'Salina Park', Flat 1, Triq il-Kappella tal-Lunzjata, Is-Salina, limiti tan-Naxxar. Din il-propjeta' kienet issejjaħ lil Mary Grech, li tiġi omm l-appellant.

5. L-inċident mertu ta' dan il-każ seħħ nhar it-3 ta' April tas-sena 2020, fi żmien li minħabba l-imxija tal-COVID-19, kienu nħarġu direttivi u rakkomandazzjonijiet mis-Supretendent tas-Saħħa sabiex jipproteġu prinċiparjament lil persuni klassifikabbli bħala vulnerabbli minħabba xi kondizzjoni ta' saħħa li setgħet tpoġġihom f'riskju akbar minn ħaddieħor.

6. Ir-relazzjoni matrimonjali bejn l-appellant u Carolanne Mifsud kienet ħżienet ħafna tant li kienu separati de facto, minkejja li sa' dakinhar tal-inċident Carolanne Mifsud kienet ukoll tabita fl-istess residenza. L-appellant ippretenda li minħabba li binhom kien persuna vulnerabbli, Carolanne Mifsud ma kellhiex tibqa tmur fiżikament għax-xogħol - kif kienet baqgħet tagħmel kuljum – minħabba li b'dan il-mod hija kienet qiegħda tpoggi lil binhom iż-żgħir f'riskju li jikkontratta l-COVID-19.

7. Nhar it-3 ta' April 2020, Carolanne Mifsud ħarġet għax-xogħol iżda meta rritornat lura ma setgħetx tidħol lura fir-residenza tagħha minħabba li l-appellant kien, dikjaratament, biddel is-serratura tal-bieb ta' barra. Irriżulta li wara li l-appellant biddel is-serratura tal-bieb, huwa ċempel lill-Pulizija tal-Għassa tan-Naxxar fejn irraporta lil Carolanne Mifsud kienet qiegħda tpoġġi l-ħajja ta' binhom f'riskju meta hi kienet qed toħroġ mid-dar biex tmur taħdem man-nies. L-appellant stqarr mal-Pulizija li sabiex iwaqqaf dan l-aġir tal-mara tiegħu hu kien biddel is-serratura tal-bieb ta' barra tad-dar. Il-Pulizija wissewh li dan l-aġir kien jammonta għall-ksur tal-liġi iżda l-appellant baqa' ferm fil-ħsieb tiegħu.

8. L-appellant bagħat ukoll messaġġ mit-telefon ċellulari tiegħu lil Carolanne Mifsud fejn informaha li kien rraportaha mal-Pulizija minħabba dan l-aġir tagħha li - minkejja d-direttivi tal-Awtoritajiet tas-Saħħa - hija kienet baqgħet tirraporta għax-xogħol normali. L-appellant għarfilha wkoll li kien kostrett jibdel is-serratura tal-bieb tad-dar sabiex hija ma tkomplix tipperikola l-ħajja tagħhom inutilment. Talabha wkoll biex tfittex residenza alternattiva.

9. Il-Pulizija mill-Għassa tan-Naxxar sejħu lil Carolanne Mifsud u spjegawlha li kien ċemplilhom l-appellant sabiex jirraportaha talli kienet qiegħda tipperikola l-ħajja ta' binhom - li kien vulnerabbli - minħabba li kienet tmur taħdem man-nies. Carolanne Mifsud kienet qiegħda titħalla tgħix fl-imsemmija residenza b'titolu ta' mera tolleranza sakemm hija ssib residenza alternattiva. Carolanne Mifsud talbet lill-Pulizija sabiex jittieħdu passi kontra l-appellant

minħabba dan l-inċident u kien dan li wassal għall-bidu ta' dawn il-proċeduri kontra l-appellant.

### Ikkunsidrat

**Analiżi tal-provi miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u li fuqhom dik il-Qorti sabet lill-appellant ħati tal-unika imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu meritu tal-ewwel aggravju tal-appellant.**

10. Ir-reat ta' ragion fattasi huwa regolat mill-artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u jaqra kif ġej:

> Kull min bla ħsieb li jisraq, jew li jagħmel ħsara kontra l-liġi, iżda biss biex jeżerċita dritt li jippretendi li għandu, iġiegħel, bl-awtorita' tiegħu innifsu, lil xi ħadd iħallas dejn, jew jeżegwixxi obbligazzjoni tkun xi tkun, jew ifixkel lil xi ħadd fil-pussess ta' ħwejjġu, jew iħott bini, jew jikser il-mixi talilma jew jieħu l-ilma għaliħ, jew b'xi mod ieħor, kontra l-liġi, jindaħal fi ħwejjeġ ħaddieħor, jeħel meta jinstab ħati, il-piena ta' priġunerija minn xahar sa tlett xhur:...'

11. Is-sors legali li fuqu dan ir-reat huwa msejjes huwa l-Artikolu 168 tal- **Codice per lo Regno delle Due Sicilie**. Dan l-Artikolu fil-fatt kien jippreskrivi r-reat bħala vie di fatto u jsegwi[1] :-

> Chiunque senza oggetto di furto o di recar danno per ingiuria, ma solamente per l'esercizio di un preteso diritto, obblighi altri al pagamento di un debito, o alla soddisfazione di un'obbligazione qualunque, o disturbi un'altrui possesso, demolisca fabbricati, devii acque e simili, e' punito col primo al secondo grado di prigionia, salve le pene maggiori nel case di un reato per se stesso maggiore.

12. Huwa ċar li l-Artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali huwa pratikament identiku għal dak li kien viġenti fil-**Codice per lo Regno delle Due Sicilie**. Dan ifisser li għall-fini tal-interpretazzjoni ta' dan ir-reat, din

[1] 1 Napoli, Presso Angelo Trapani, 1819, fol 73 : De' reati contra l'amministr. pubblica, Sezione III, Dell'uso privato de' mezzi della pubblica' autorita'.

il-Qorti tista’ tagħmel riferenza għal ġurisprudenza mhux biss Maltija iżda anke dik li tolqot dan l-artikolu fid-defunt Kodiċi tar-Renju taż-Żewġ Sqallijiet u Kodiċi esteri oħra li kienu konsoni ma’ dan it-test tal-Liġi Borbonika.

13. Illi fil-kawża **Il-Pulizija versus Eileen Said** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-19 ta’ Ġunju 2002 mill-Imħallef Joseph Galea Debono intqal:-

> Illi l-appellanti instabet ħatja tar-reat ta’ “ragion fattasi” jew dak li jissejjah “the exercise of a pretended right”. Illi din l-azzjoni bazata fuq l-Artikolu 85 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta hija speci ta’ zona grigja bejn il-kamp civili u dak kriminali, tant li Sir Andrew Jameson meta kien qed jigi abbozzat il-Kodici Penali Malti kien osserva firRapport tieghu fir-rigward li :- “It is doubtful whether acts of this kind would not be better left to the operation of the ordinary civil remedies by way of interdict of or claim for damages.....” (Ara Prof. Sir Anthony Mamo - Notes on Criminal Law” (Parti Speċjali) Vol. II).

14. Minn qari tal-każijiet li jittrattaw dan is-suġġett il-Qorti tara li l-Qrati Maltin ħadnu l-interpretazzjoni ta’ dan l-Artikolu kemm b’mod konsoni ma dak mistqarr mill-Awturi dwar il-Kodiċi Borboniku, kif ukoll interpretaw dan l-Artikolu fl-ambitu aktar wiesa’ tal-insenjament tal-Carrara, li kien qiegħed jikkummenta fuq il-Kodiċi Penali tar-Renju tal-Italja (jew il-Kodiċi Zanardelli). Dan jirriżulta li seħħ minħabba li għalkemm f’dawn il-Liġijiet ma hemmx l-identiċita tal-lokuzzjoni tar-reat, baqgħet somiljanza wisq kbira bejniethom fir-rigward tal-elementi prinċipali tar-reat de quo.

15. It-test tal-Kodiċi Zanardelli relattiv għar-reat ta’ ragion fattasi jaqra:-

> 286. Chiunque con violenze verso le persone, ed al solo oggetto di esercitare un preteso diritto, taluno a pagare un debito, o ad eseguire un' obbligazione qualunque, o, turba l’altrui possesso, demolisce fabbricati, devia abbatte alberi, siepi vive o ripari stabili sarà, punito:

1. Colla relegazione estensibile ad anni dieci, se, la violenza sarà, stata fàtta con armi ed'accompagnata da percossa o ferita;
2. Col carcere non minore di tre mesi, se si sarà fatto uso d'armi, ma senza percosse nè ferite ovvero se siano intervenute percosse o ferite, ma senz'armi;
3. Col carcere estensibile a tré mesi, se 'la violenza sarà seguita senza percossa o ferita e senza armi.

Alla pena del carcere sarà aggiunta una multa estensibile sino al doppio del danno recato.

Sono salve in tutti i casi le maggiori' pene pei reati per se stessi più gravi.

287. Se la demolizione di fabbricati, o la deviazione d'acque, o l'abbattimento di alberi, siepi vive o ripari stabili, fu bensì commessa allo scopo di esercitare un preteso diritto, ma non v'ebbe violenza verso le persone, il colpevole sarà punito con una multa non maggiore del doppio del danno recato.

16. Dan ir-reat isib postu taħt il-Capo 3 li jitratta r-reati li jikkostitwixxu disubbidjenza u nuqqasijiet oħra versu l-awtorita' pubblika. Il-Carrara jfisser dan ir-reat b'dan il-mod:

La ragion fattasi (1) e' il delitto di chiunque – credendo di avere un diritto sopra altro individuo lo esercita malgrado la opposizione vera o presunta di questo, pel fine di sostituire la sua forza privata all'autorita' pubblica, senza per altro eccedere in violazioni speciali di altri diritti.[2]

17. Din id-definizjoni tirrifletti wkoll l-elementi tar-reat, li skont l-istess Carrara huma:

1. o Un atto esterno che spogli altri di un bene che gode, e sia eseguito contro la opposizione o espressa o presunta di questo – 2.o Credenza di far quest'atto in esercizio di un diritto – 3.o Coscienza di fare di privato braccio quello che dovrebbe farsi per autorita' di magistrati – 4.o Mancanza di titolo piu' grave.[3]

18. Għalkemm ir-reat fil-Kodiċi Zanardelli mhux identiku għal dak misjub fil-Kodiċi Kriminali Malti u dak tar-Regno delle Due Sicilie,

[2] Esposizioni dei Delitti in specie – parte speciale del Programma del corso di diritto criminale, Volum 5, Lucca, 1868, paġna 486, paragrafu 2849.
[3] bid. Paġna 487, paragrafu 2850

b'mod partikolari in kwantu jisħaq fuq element ieħor, ossija tal-vjolenza kontra persuna, l-elementi l-oħra, dak formali in primis jibqa' l-istess. Fil-kuntest legali Malti u dak Borboniku mhux meħtieġ li l-azzjoni tkun eżegwita bil-mezz tal-vjolenza. Iżda l-qofol tal-istess reat, kemm taħt il-Kodiċi Zanardelli kemm taħt dak Borboniku, jibqa' ppernjat fuq l-elementi li, fil-kuntest legali Malti, ġew elaborati mill-Qrati Maltin kemm f'sentenzi bħal dik mogħtija mill-Imħallef William Harding fil-każ **Il-Pulizija vs. Giuseppe Bonavia et** (App.Krim. 14.10.1944 , Vol.XXXII - IV , p.768) kif ukoll f'sentenzi aktar reċenti bħal dik mogħtija mill-Imħallef Lawrence Quintano fil-kawża **Il-Pulizija vs Anthony Zahra**, nhar l-20 ta' Ġunju 2014 li jirriflettu dawn l-elementi skont il-Carrara in kwantu ġew ritenuti li jinkludu :-

> a) att estern li jimpedixxi persuna oħra minn dritt li hija tgawdi, u li jkun sar bid-dissens espliċitu jew impliċitu ta' dik il-persuna;
> b) l-imputat irid jemmen li qed jaġixxi bi dritt;
> c) ix-xjenza tal-imputat li qed jieħu b'idejh dak li suppost jieħu tramite l-proċess legali;
> d) li l-att ma jinkwadrax ruħu f'reat aktar gravi.

19. Għalkemm din l-esposizzjoni tal-elementi tar-reat ta' ragion fattasi tirrispekja dak mistqarr mill-Carrara fuq il-Kodiċi Penali Taljan kif muri aktar il-fuq, il-Qrati Maltin abbraċċjaw ukoll l-interpretazzjoni t'awturi oħra, b'mod speċifiku dawk li jikkummentaw fuq ir-reat ta' ragion fattasi li kien misjub taħt il-Kodiċi Borboniku. Il-Qrati Maltin komplew jelaboraw kif il-fatti speċifiċi fil-każijiet speċifiċi għandhom jiġu interpretati sabiex ir-reat ta' ragion fattasi jkun jista' jiġi meqjus integrat.

20. Sabiex jiġi integrat ir-reat ta' ragion fattasi mhux biżżejjed li persuna tiġi turbata fil-pussess ta' fond jew jedd - ikun xi jkun dak il-pussess jew jedd – dment li jiġi pruvat li jkun hemm dak il-pussess

jew jedd jew xi forma tiegħu. F'Malta, anke detenzjoni minn konjuġi ta' dar fuq mera tolleranza u li ġiet disturbata bl-azzjoni ta' bdil ta' serratura tal-bieb ta' barra dakinhar ta' meta l-Qorti iddekretat l-annullament taż-żwieġ bejn il-konjuġi, ġiet ritenuta li tintegra r-reat ta' ragion fattasi u dan peress li kien hemm l-istatus quo li ġie abbużivament u arbitrarjament mibdul bl-azzjoni unilaterali tas-suġġett attiv minflok ma rrikorra għall-awtorizzazzjoni ġudizzjarja.[4]

21. Is-suġġett attiv ġie li **si e' fatto arbitariamente ragione** u mhux sempliċiment **si e' fatto ragione da se'**. Skont is-sentenza tal-Cassazione Penale, Sez. VI, sent. 11118 tat-22/11/1985 Mioli ġie deċiż li r-reat ta' ragion fattasi mhux intiż li jikkastiga **chi si fa ragione da se' ma chi si fa arbitrariamente ragione**[5] b'mod li jitturba l-istatus quo prevalenti fil-mument meta jsir l-att kriminali.

22. Skont il-Carmignani, li jikkummenta fuq il-Liġi fit-Toskana qabel l-unifikazzjoni tal-Italja, it-turbattiva tal-pussess ma tridx tkun waħda merament kostruttiva iżda jrid ikun hemm pussess **"attwali" u** li tkun l-azzjoni tat-terz li twassal għat-**turbattiva ta' dak l-istatus quo**: -

> 879 Si hanno esempi di questo delitto, 1. Se un creditore riscuote con violenza dal suo debitore la somma dovutagli; 2. Se una cosa mobile od immobile creduta propria vien tolta violentemente a chi ne e' in attuale possesso; 3. Se un colono, finita la locazione, ricusa di lasciare il fondo;....[6]

---

[4] Ara, **Il-Pulizija vs Joseph Bongailas**, Qorti tal-Appell Kriminali, 22 t'Ottubru 2001 fejn intqal li : Mela dan l-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali, bl-ewwel rekwizit tieghu, kjarament iqis bhal agir kriminali kull att ta' xi hadd li jfixkel lil xi haddiehor fil-pussess ta' xi haga li qed igawdi. L-imsemmi artikolu, ghalhekk, jittutela l-pussess tal-haga u mhux necessarjament ukoll il-propjeta' taghha. Il-kelma pussess, ghalhekk, tinkludi l-uzu jew dgawdija ta' dik il-haga.

[5] Hawnhekk il-Qorti tal-Kassazzjoni rriteniet li ma kienx ġie integrat ir-reat ta' ragion fattasi fil-każ fejn il-proprjetarju ta' stabbli biddel is-serratura ta' bieb t'aċċess għal uffiċini u b'hekk għalaq l-aċċess lillkerrejja tal-istess uffiċini u li kienu ġew inutilment diffidati milli jiżvolġu fil-fondi mikrija rispettivament l-attivita' li għaliha kienu krew u li wara ġew diffidati milli jwetquha

[6] 6 Enfazi mizjuda – Elementi di Diritto Criminale, Giovanni Carmignani, Traduzione italiana sulla quinta edizione di Pisa del Profs. Caruana Dingli, Milano, 1863, fol 318.

23. Din il-Qorti għalhekk trid tindaga wkoll x'kien l-istatus quo fil-perjodu rilevanti għall-kawża u jekk allura l-pussess reklamat mill-parte ċivile kienx wieħed attwali fis-sens hawn fuq deskritt. Skont l-**Arabia**[7] l-azzjoni tar-ragion fattasi mhix intiża li tissanzjona t-turbativa tal-pussess per se iżda tippenalizza l-użu ta' mezzi kompetenti lill-awtorita' pubblika bis-sostituzzjoni tagħhom bl-azzjoni unilaterali da parti tal-privat:

> Il che da una parte dimosta che il reato non ista' nella turbativa del possesso, ma nell'uso de' mezzi dell'autorita' pubblica. Ma perche' intervenga l'autorita' pubblica a porre in atto l'esercizio dell'altrui diritto, sono fuor di dubbio necessariamente due cose, a) che il diritto sia reale, b) che ne sia controverso l'esercizio.

24. L-Arabia kien qiegħed jikkonċentra fuq il-Liġi Borbonika tal-vie di fatto - identika għal dik Maltija in materia - u li trid tiġi interpretata wkoll fl-isfond ta' dawk l-elementi li l-Qrati Maltin saħqu fuqhom matul is-snin – u li kif intwera' ibbażaw fuq ir-reat simili ħafna ta' ragion fattasi fil-Kodiċi Zanardelli.

25. Jirriżulta ċar, anke mill-ġurisprudenza fuq il-Kodiċi Penali Taljan, li l-oġġett ġuridiku tutelat mir-reat ta' ragion fattasi għadu dibattut u jifred lill-ġuristi fl-opinjonijiet tagħhom. Il-kurrent tradizzjonali jsostni li dan ir-reat huwa msejjes fuq il-vjolazzjoni tal-monopolju ġurisdizzjonali magħmula bl-azzjoni unilaterali tas-suġġett attiv billi dan, minflok - kif obbligat jagħmel - jirrikorri għallġurisdizzjoni tal-awtorita tal-Qrati, jagħżel li jaġixxi minn jeddu biex jieħu dak id-dritt li jippretendi li għandu mingħajr ma jadixxi lill-Awtorita Ġudizzjarja kompetenti. Hemm imbagħad il-kurrent ta' ħsieb l-ieħor li jikkonċentra aktar fuq l-aspett li l-offiż fir-reat tar-

[7] I Principi del Diritto Penale applicati al Codice delle Due Sicilie, Francesco Saverio Arabia, Vol 3, Napoli 1858, Parte III, Art. 164 a 173, pagina 45.

ragion fattasi huwa l-istatus quo tal-pussess tad-drittijiet; l-istatus quo intiż bħala l-istat ta' fatt fejn persuna tkun qed teżerċita dritt fuq oġġett anke jekk tkun titolari apparentia iuris, u fejn allura l-azzjoni turbattiva tas-suġġett attiv tiddisturba dan l-istatus quo ta' pussess anke bażat fuq apparentia iuris.

26. Inoltre, skont il-Carrara "qui continuat non attentat"[8] u dan jagħmel sens fil-loġika tal-Carrara u tar-reat innifsu għaliex skont kif jgħid l-istess awtur fil-paragrafu 2851 tal-Opra hawn fuq ċitata : -

> L'atto esterno deve privare altro contro sua voglia di un bene che gode. Chi e' nell'attuale godimento di un bene e continua a goderne a dispetto di chi non voglia non delinque; perche' la legge protegge lo stato quo, il quale non puo' variarsi tranne per consenso degl'interessati, o per decreto dell'autorita' giudiciale.

27. Dan huwa wkoll rifless fil-ġurisprudenza Taljana aktar reċenti minn fejn jirriżulta li : -

> Si e' conseguentemente precisato che ... autore del delitto puo' essere soltanto chi non si trova nel possesso della cosa, poiche solo in tal caso si puo' verficare quella turbativa nel godimento di fatto che costituisce uno degli elementi essenziali del reato (tra le piu' recenti, Cass. VI 13.11.81, Papa, G PEN 1982, II, 648; Cass. VI 7.5.85, Spallina', CP 1986, 1766; Cass. VI 26.3.85 Pirola, CP1986, 1935). In effetti, sopratutto dalla circostanza che il diritto deve essere si ricava come gli elementi sopra indicati descrivano innanzitutto come presupposto del reato l'esistenza di un conflitto di pretese, ovvero il requisito della contenziosita' del diritto.[9]

28. Anke taħt il-Kodiċi Borboniku kien importanti li tkun ravviżata din il-kontroversja jew kontenzjożita ta' drittijiet. Skont l-Arabia, din tirriżulta meta jkun hemm is-segwenti :

> Ma che s'intende per dritto posto in controversia? Ogni dritto il cui esercizio e' chiaramente e solennemente controvertito, sia con un fatto giudiziale, sia con un fatto materiale, che l'altro avea dritto almeno apparente di fare. Si supponga p.e. che Tizio abbia conceduto a Caio la facolta' di passare pel suo fondo per certo tempo e con certe condizioni. Se essi venissero in controversia sull'esercizio di questa facolta', e Caio citasse Tizio innanzi al magistrato per farsi conservare nel diritto di passaggio, Tizio incorrerebbe

---

[8] Ara Programma, Vol. 5, pagna 488

[9] Codice Penale, Tullio Padovani, op. cit. a fol 2611 taħt il-vuċi "soggetto attivo".

nell'art. 168 se facesse qualche opera per cui il passaggio fosse turbato. Abbia o non abbia diritto, viola la legge facendo cio' si spetta all'autorita' pubblica gia' invocata. Per lo contrario, se prima che Caio adisca il magistrato, Tizio pone una siepe o un cancello o altro segno visibile, che chiaramente pone in controversia la facolta' di Caio, questi incorre nell'art. 168, se invece di adire il magistrato, rompa la siepe o il cancello e passi, abbia o non abbia diritto. Nel che notisi che il porre il cancello che fece Tizio puo' essere ingusto, e quindi una turbativa del possesso di Caio, ma egli non puo' essere astretto che con la sole azione civile, perche' quando pose il dette cancello, non dove' distruggere alcun segno visibile del possesso di Caio, onde e' presunta buona fede, non essendovi stata controversia di cui vi siano segni tali, che tolgano ogni dubbio sulla volonta' dell' altro di contraddirgli il possesso, onde si debba aver ricorso all'autorita'. Gli elementi dunque del reato dell'art. 168 sono a) uno de' datti materiali in esso descritti, e tassativamente nominati, cioe' costringere a pagare un debito, turbare il possesso ec. b) che cio' sia fatto per l'esercizio di un dritto messo in controversia e cosi' che sia richiesta l'opera dell'autorita' pubblica a deciderla, poco importando se questo dritto sia o non sia reale; solo che sia chiaramente controvertito.

29. Illi din il-ġurisprudenza hija riflessa fil-ġurisprudenza Maltija, li kif intwera, tqis l-elementi tar-ragion fattasi bħala li huma s-segwenti:-

a) att estern li jimpedixxi persuna ohra minn dritt li hija tgawdi u li jkun sar bid-dissens esplicitu jew implicitu ta' dik il-persuna;
b) l-imputat irid jemmen li qed jagixxi bi dritt;
c)ix-xjenza tal-imputat li qed jiehu b'idejh dak li suppost jiehu tramite l-process legali;
d) li l-att ma jinkwadrax ruhu f'reat aktar gravi; Inoltre, ir-reat ma jissustix meta l-att materjali jikkonsisti fir-ritenzjoni ta' pussess li dak li jkun gja kellu.[10]

30. B'hekk il-fatt li persuna jkollha titolu fuq il-proprjeta ma jippreKludihiex milli tkun passibbli għar-reat ta' ragion fattasi fil-każijiet kongruwi. Ir-reat jista' jissusisti wkoll f'każ li l-persuna affetta mill-azzjoni tas-suġġett attiv setgħa kellha biss is-sempliċi pussess jew detenzjoni tal-proprjeta in kwistjoni jew saħansitra meta

[10] Ara **Il-Pulizija vs. Anthony Zahra** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali preseduta mill-Imħallef Lawrence Quintano u datata l-20 ta' Ġunju 2014. Ara wkoll fost oħrajn **Il-Pulizija vs. Mario Bezzina**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali preseduta mill-Imħallef David Scicluna u datata 26 ta' Mejju 2004**,** **Il-Pulizija vs. Michael Lungaro**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali preseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata l-15 ta' Mejju 2003 u **Il-Pulizija vs Eileen Said** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali preseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono u datata d-19 ta' Ġunju 2002.

sempliċiment ikollha d-dritt li tgawdi jew tuża l-propjeta' in kwistjoni u, minħabba l-azzjoni tas-suġġett attiv, hi ma tkunx tista' tkompli b'dan l-użu jew tgawdija tal-istess oġġett. Infatti fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Bongailas**[11] il-Qorti tal-Appell ikkunsidrat is-segwenti:

> L-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali li jittratta dwar ir-ragion fattasi, bl-ewwel rekwizit tieghu, kjarament iqis bhala agir kriminali kull att ta' xi hadd li jfixkel lil xi haddiehor fil-pussess ta' xi haga li qed igawdi. L-imsemmi artikolu, ghalhekk, jittutela l-pussess tal-haga u mhux necessarjament ukoll il-propjeta' taghha. Il-kelma pussess, ghalhekk, tinkludi l-uzu jew dgawdija ta' dik il-haga.... Li hu importanti, ai fini ta' l-Artikolu 85 tal-Kap. 9, dejjem riferibbilment ghall-ewwel element kostituttiv tieghu huwa jekk effettivament sa dik in-nhar li sar dan l-allegat att ta' spoll mill-appellant, kellhomx il-kwerelanti l-pussess, ossija l-uzu u/jew id-dgawdija tal-fond in kwistjoni.

31. Ukoll fl-appell **Il-Pulizija vs. John Vassallo,**[12] il-Qorti tal-Appell Kriminali qieset illi:

> Taht l-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali ma hemm ebda bzonn illi jigi ppruvat xi element ta' pussess aktar sostanzjali minn hekk. Id-dicitura ta' l-artikolu hija cara u l-legislatur certament ried illi jigi evitat kull tfixkil, hu ta' liema natura hu, anki fis-semplici pussess. Tali pussess jinkludi wkoll kif gie ripetutament deciz minn din il-Qorti, anke s-semplici drittijiet normalment kompetenti lill-persuni koncernati.

32. Skond sentenza oħra mogħtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. John Dimech**[13]:

> id-dispozizzjoni tal-ligi li tikkontempla r-reat ta' raggion fattasi hija ntiza biex il-privat li jippretendi xi drittijiet ma jissostitwix l-azzjoni tieghu ghal dak tat-tribunal meta jista' jirrikorri lejhom. Hi gusta jew le l-pretensjoni tieghu, hu ma jistax minn rajh jezercita dawk id-drittijiet li hu jippretendi li ghandu.

[11] Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri, ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u datata 22 t'Ottubru 2001.
[12] Qorti tal-Appell Kriminali, preseduta mill-Imħallef Godwin Muscat Azzopardi u datata 22 ta' Marzu 1991
[13] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali, ippreseduta mill-Imħallef William Harding u datata l-24 ta' Ġunju 1961.

**Ikkunsidrat**

33. Din il-Qorti m'għandhiex dubju li dakinhar tat-3 ta' April 2020, Carolanne Mifsud ħarġet għax-xogħol **mid-dar li hija kienet qiegħda tirrisjedi fiha**. Dwar dan Carolanne Mifsud a paġna 9 tal-atti proċesswali qalet hekk:

> Parte Ċivile: Din il-propjeta' fejn qallek li bidel is-serratura, int x'kont tagħmel fiha qabel biddel is-serratura?
> Xhud: **Kont ngħix hemmhekk** mat-tfal tiegħi.

34. Dan il-fatt jikkonfermah ukoll l-appellant fix-xhieda tiegħu a paġna 17 tal-atti proċesswali meta jgħid is-segwenti:

> ../..ftehmna aħna t-tnejn flimkien li hi tista' **toqgħod temporanjament fil-post tiegħi** sakemm tirranġa l-post.

35. Kwindi mhux ikkontestat li nhar it-3 ta' April 2020 seħħ dak it-turbament fl-istatus quo li jikkontemplaw il-Carrara u l-Arabia in kwantu Carolanne Mifsud ġiet hekk imfixkla, bid-dissens tagħha, milli tkompli tgawdi mill-użu bħala residenza tal-fond mertu tal-każ in kwistjoni. F'dan ir-rigward Carolanne Mifsud tgħid is-segwenti:

> Imbagħad overnight il-lukandi kollha kienu magħluqin, ma stajtx immur għand ħbieb, għand ħadd because it was Covid. Imbagħad insib overnight a place to rent. Jien all I had on me was my dress, my clothes and my handbag.[14]
>
> Ir-raġel tiegħi sfortunatament ma kenitx l-ewwel darba li kien jgħidli jkeċċini fit-triq. Anke sena ilu beda jgħidli li jrid ikeċċini fit-triq.[15]

36. Il-fatt li l-appellant fix-xhieda tiegħu, f'iktar minn okkażjoni waħda, jibqa' jinsisti fuq il-kwistjoni li martu tħalliet tgħix fil-fond propjeta' ta' ommu b'titolu ta' mera tolleranza huwa inkonsegwenzjali għal dan il-każ in kwantu l-prinċipju enunċjat fil-

[14] Paġna 9 tal-atti proċesswali.
[15] Paġna 11 tal-atti proċesswali.

kawża **Il-Pulizija vs. Joseph Bongailas** isib applikazzjoni f'din il-kawża. Din il-Qorti tifhem li l-appellant qiegħed isib diffikulta jifhem dan il-punt u ċjoe li fil-kamp penali r-rimedju li huwa kellu ma kienx dak li huwa jaqfel barra lil Carolanne Mifsud billi jibdel is-serratura tar-residenza. Jidher ċar li f'moħħu l-appellant kellu l-idea li ladarba Carolanne Mifsud kienet tirrisjedi f'dik ir-residenza biss fuq mera tolleranza u ex gratia allura huwa setgħa jkeċċiha l-barra minn hemmhekk kif ried u jogħġob lilu - inkluż billi jibdel is-serratura tal-bieb ta' barra. Biss din l-idea li huwa kellu hija żbaljata u ma ssibx konfort fil-ġurisprudenza li bl-aktar mod ċar fl-appell kriminali **Bongailas** tippenalizza d-disturb tal-istatus quo vestit fis-suġġett passiv tar-reat meta dan tal-aħħar ikun anke sempliċiment igawdi residenza fuq mera tolleranza. **Bongailas** fil-fatt ittenni li :

> Anke jekk, u dan ghall-grazzja ta' l-argument biss, hu minnu li l-kwerelanti kienu qed jabitaw fil-fond in kwistjoni fuq mera tolleranza, dan il-fatt wahdu, din il-koncessjoni da parti ta' l-appellant, hu bizzejjed biex juri li kellhom id-dgawdija ( u allura l-pussess ai termini ta' l-Artikolu 85 tal-Kap.9 ) ta' dak il-fond. Dan ifisser li, ghall-anqas mill-aspett tad-dritt penali, huma qatt ma setghu jigu nnegati dan id-dritt ta'dgawdija bil-mod kif ghamel l-appellant, cioe' minghajr ma jirrikorri ghall-mezzi li taghtih il-ligi biex jizgombra lill-kwerelanti minn hwejjgu, u minflok, arbitrarjament jaghti lilu nnifsu dan id-dritt li jinnega dan l-uzu jew dgawdija lill-haddiehor li dan il-haddiehor indubjament kellu fuq dak il-fond. L-ewwel Qorti, ghalhekk, kellha kull ragun legalment, u anke ragjonevolment, li in bazi tal-provi li hemm hi setghet tiddeciedi kif fil-fatt iddecidiet.

37. Lanqas ma jirriżulta kkontestat da parte tal-appellant li:

i) l-att estern kommess minnu u cioe' l-azzjoni tat-tibdil fis-serratura, sar bl-intenzjoni li l-parte ċivile ma tkunx tista' tidħol fil-post tar-residenza fejn kienet toqgħod. B'hekk ġiet imfixkla fil-"pussess" tad-dar residenzjali tagħhom anke jekk din kienet hemm fuq mera tolleranza.

ii) l-appellant aġixxa b'dan il-mod għaliex ippretenda li għandu dritt jaġixxi b'dak il-mod in kwantu :

- il-proprjeta' ma kinetx tal-parte leża;
- il-proprjeta kienet tappartjeni lil ommu;
- hu kien qiegħed sempliċement jippermettielha li tgħix hemmhekk sakemm issib residenza oħra. Infatti, fi kliem l-appellant stess:

> Qed ngħid ċar u tond li **aħna kellna ftehim li hemmhekk tirrikonoxxi li l-post mhux tagħha**, il-post mhux il-matrimonial home. Qiegħda hemmhekk b'mod temporanju.[16]
>
> Avżajtha minn qabel x'se nagħmel, li jekk hi se tibqa' tipperikola ħajjitna unnecessary, knowingly and negligently jien **se nipproċedi billi nbiddel il-lock.[17]**

38. Din il-konvinzjoni tal-appellant li huwa kien qiegħed jaġixxi bi dritt toħroġ ukoll b'mod ċar kemm mix-xiehda tiegħu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fejn l-enfażi li huwa baqa' jagħmel kien fuq il-fatt li Carolanne Mifsud ma kellha ebda jedd li tgħix f'dik ir-residenza kif ukoll aktar qrib l-akkadut mill-messaġġ li huwa bagħat lill-parte ċivile dakinhar stess tat-3 ta' April 2020, u li jinsab esebit a paġna 14 tal-atti proċesswali, wara li kien biddel is-serratura tar-residenza :

> As per legal advice, as per our previous discussions and as per your repeated NEGLIGENT behaviour that is not only breaking the government's legal instructions but also knowingly endangering my life as well as many others, I am advising you that a) I have reported your repeated irresponsible behaviour to the Authorities and I have just now changed the locks to my residence so that you no longer put our lives in any more unnecessary danger. Kindly make alternative arrangements.

39. Inoltre tirriżulta li kien hemm kontroversja bejn il-partijiet li kienet teżisti qabel ma seħħ l-inċident de quo. Huwa evidenti mix-

[16] Paġna 17 tal-atti proċesswali.
[17] Paġna 19 tal-atti proċesswali

xiehda tal-appellant stess li kien hemm element ta' pika bejn l-appellant u Carolanne Mifsud u li kien hemm kwistjonijiet li jmorru lura, inkluż fir-rigward tar-residenza de quo, għal diversi snin. F'dan il-kuntest din il-Qorti rat li anke l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) innotat il-kwistjoni bejn il-partijiet li kienet tirrisali għal ben dsatax-il sena qabel l-akkadut - u cioe' nhar l-10 ta' Awwissu, 2001 – fejn diġa kien hemm kwistjonijiet fuq it-titolu ta' din ir-residenza hekk kif omm l-appellant Mary Grech tramite l-avukati tagħha, bgħatet ittra lil Carolanne Mifsud sabiex tintimaha formalment li ma setgħetx tagħmel użu jew tgħix fil-propjeta' Flat 1, 'Salina Court' Triq Il-Kappella tal-Lunzjata, Naxxar.

40. In oltre, anki fix-xhieda tiegħu, l-appellant jagħmel diversi drabi enfasi fuq kif martu ma kellhiex 'pretended rights' fuq l-imsemmija proprjeta u fuq kif hija kienet qiegħda tgħix hemmhekk bil-benevolenza tiegħu. F'dan ir-rigward l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) osservat ukoll li l-appellant, f'telefonata reġistrata eżebita fl-atti, kien talab lill-parte ċivile ittra mingħand l-avukati tagħha fejn tiddikjara li hija m'għandha ebda jedd fuq il-propjeta' in kwistjoni u li hija setgħet taċċedi lura għal dan il-fond una volta hija tgħaddilu din l-ittra.

41. Dan huwa wkoll indikattiv ta' dik ix-xjenza meħtieġa fis-suġġett attiv tar-reat li jieħu b'idejh dak li suppost jieħu tramite proċess legali. Il-pretensjoni tiegħu kienet li Carolanne Mifsud ma kellha ebda jedd fuq dik il-proprjeta u ried jassikura li hi tirrikonoxxi dan qabel ma terġa tirfes l-għatba ta' dik ir-residenza. Il-fatt li l-appellant stess itenni li din it-telefonata saret xi żmien wara l-akkadut xejn ma tgħinu. Anzi bil-maqlub. Turi kemm huwa kellu l-ideat tiegħu ċari f'dak li għandu x'jaqsam mar-raġuni għaliex huwa ried jaqfilha barra – u l-

kondizzjoni sine qua non li kien lest li jaċċetta mingħandha biex ikun dispost li jħalliha terġa tidħol.

42. Mistqarr dan, jirriżulta li l-fattispecie jinkwadraw ruħhom fir-reat ta' ragion fattasi u ma jagħtux lok għal xi reat aktar gravi.

43. Għaldaqstant, din il-Qorti jidrhilha li fil-kwadru probatorju aktar il-fuq imsemmi, l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet legalment u raġonevolment issib ħtija fl-appellant għar-reat ta' ragion fattasi ai termini tal-Artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali.

**Ikkunsidrat**

44. Tibqa' ċentrali l-kwistjoni tal-applikabilita' tal-proviso tal-Artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali, li ġie miżjud permezz tal-Att XXVIII tas-sena 2019 u li jaqra hekk :

> Iżda wkoll l-akkużat jista' jiddefendi ruħu billi jagħti prova li tali azzjoni kienet magħmula bħala miżura temporanja meħtieġa mill-bżonn attwali tad-difiża leġittima ta' wieħed innifsu jew ta' ħaddieħor.

45. F'dan ir-rigward, din il-Qorti tippremetti li filwaqt li huwa minnu li dan il-proviso ġie ntrodott fl-isfond leġislattiv tad-dħul fis-seħħ tal-Gender Based Violence and Domestic Act, ma taqbilx mal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) li dan għandu jsib applikazzjoni biss f'sitwazzjoni ta' vjolenza domestika. Huwa minnu li forsi l-Leġislatur kellu f'moħħu li jinkludi dan il-proviso taħt id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali sabiex jipproteġi lil vittmi ta' vjolenza domestika minn implikazzjonijiet penali f'każ fejn huwa/hija taġixxi unilateralment għall-protezzjoni tagħha u/jew dik ta' membri oħra tal-familja kontra l-aggressur tagħha/tagħhom bħal meta wieħed hekk

jibdel is-serratura ta' dar sabiex iwaqqaf l-aċċess għall-fond mill-aggressur.

46. Iżda, l-istess diċitura tal-proviso ma tippreskludix l-applikazzjoni tiegħu f'sitwazzjoni fejn allura l-azzjoni tal-akkużat tkun saret bħala miżura temporanja meħtieġa għad-difiża leġittima tiegħu jew ta' ħaddieħor **oltre l-ambitu ta' vjolenza domestika**. Dan ma jfissirx li kwalsiasi forma ta' aġir unilaterali bi ksur tal-Artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali jista' jaqa' taħt l-imsemmi proviso sempliċement għaliex **f'moħħ l-imputat** huwa jkun hekk qiegħed jaġixxi in leġittima difeża.

47. Din il-Qorti, bħal Qorti tal-Maġistrati (Malta) qabilha, ma tarax li f'dan il-każ isib applikazzjoni l-proviso taħt l-Artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali in kwantu l-azzjoni tal-appellant ma kinitx la mmotivata minn perikolu inġust, gravi, reali u inevitabbli u lanqas ma kien hemm proporzjonalita' fl-aġir tiegħu. Mix-xhieda ta' Carolanne Mifsud jirriżulta kif minkejja li hija kienet qiegħda toħroġ għax-xogħol, hija kienet qiegħda tieħu l-prekawzjonijiet kollha meħtieġa sabiex ma tipperikolax lill-binhom billi ma kinitx tiltaqa' ma' nies fuq ix-xogħol filwaqt li kienet taħdem minn uffiċju waħidha.

48. In kwantu għall-applikabilita' tal-prinċipju **vim vi repellere licet** għall-każ in eżami, din il-Qorti, anke fuq skorta ta' ġurisprudenza lokali, taqbel li dan il-prinċipju jista' jsib applikazzjoni tiegħu : mhux b'mod t'applikazzjoni ġenerali, iżda jista' jservi ta' difiża f'ċerti każijiet limitati u kontemplati fil-Liġi. Dan jirriżulta mill-kitbiet tal-Professur Sir Anthony Mamo, fosthom fil-**Lectures in Criminal Law**, l-ewwel Volum, paġna 101 et seq. fejn il-Mamo anke jisħaq fuq il-fatt li fis-sistema Malti il-prinċipju tal-użu tal-vjolenza biex tiġi mbegħda

vjolenza opposta hija kundizzjonata u ristretta għal sitwazzjonijiet partikolari – li jistgħu jinkludu ċerti tipoloġiji ta' fattispecie fil-kuntest tar-reat ta' ragion fattasi.

49. Inoltre, dil-Qorti trid tagħmel distinzjoni bejn l-att ta' fejn suġġett attiv jaġixxi unilateralment bi pretensjoni ta' dritt b'mod li jiddisturba lill-ħaddieħor fil-pussess jew użu ta' xi ħaġa mill-att ta' fejn suġġett attiv jaġixxi fl-interess li jiddefendi l-propjeta' tiegħu minn attakk inġust.

50. Din il-Qorti tista' tifhem il-preokkupazzjoni ta' missier lejn ibnu vulnerabbli fi żmien fejn kemm madwar id-dinja, kif ukoll fil-pajjiż, kien hawn inċertezza kbira dwar l-imxija tal-COVID-19 tant li s-Superintendent tas-Saħħa Pubblika kienet ordnat stat t'emerġenza ta' Saħħa Pubblika in kwantu f'dak il-perjodu stess Malta kienet qegħda tesperjenza (dak li kienu għal dak iż-żmien partikolari) l-aktar rati għoljin fl-ewwel mewġa tal-COVID-19. Iżda jirriżulta wkoll li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma kienetx konvinta mill-fatt li l-**<u>motiv</u>** wara l-azzjoni ta' bdil tas-serratura tar-residenza de quo ad opera tal-appellant kien preċiżament u esklussivament is-salvagwardja tal-benesseri ta' ibnu vulnerabbli.

51. F'dan il-każ ma kien hemm l-ebda bżonn impellenti sabiex l-appellant jaġixxi bil-mod kif għamel "in difesa" tal-Flat 1, 'Salina Court' Triq il-Kappella tal-Lunzjata, Naxxar. Minn imkien mill-atti proċesswali ma jirriżulta li l-parte ċivile b'xi mod ippruvat tattakka lill-appellant jew lill-ommu (bħala sidt din il-propjeta') sabiex tfixkilhom fil-pussess jew proprjeta ta' ħwejjiġhom b'mod li jkollhom jirrivendikaw id-drittijiet tagħhom fuqha. Anzi, mill-atti jirriżulta li omm l-appellant, dsatax-il sena qabel, kienet diga' affermat id-

drittijiet tagħha fuq din il-propjeta' - bħala sidt l-istess - u ċċarat il-pożizzjoni tal-parte leża fir-rigward ta' din il-propjeta'. Mhux kontestat li l-parte lesa kienet qiegħda tirrisjedi fil-propjeta' de quo b'mera tolleranza tal-appellant u ta' ommu u li hi dan il-fatt irrikonoxxietu u qatt ma kkontestatu jew attakkatu bi proċeduri legali.

52. B'hekk mhux ċar x'kien dak il-perikolu inġust, gravi, reali u inevitabbli li seta' jirravviża l-appellant fl-imġieba tal-parte lesa sabiex jiġġustifika l-applikazzjoni tal-massima **vim vi repellere licet** – għajr ħlief l-allegazzjoni tiegħu li omm ibnu kienet qegħda toħroġ mir-residenza biex tmur fuq il-post tax-xogħol tagħha minkejja li huwa kien eżiġa li hija taħdem mid-dar bit-teleworking u hi ma għamlitx dan; iżda li wara rriżulta wkoll li huwa kien lest li jilqagħha lura dment li hija tippreżenta dikjarazzjoni legali li ma kellha ebda jedd fuq il-fond de quo..

53. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appel Kriminali **Il-Pulizija vs. Peter Paul Muscat**[18] fejn intqal is-segwenti:

> Carrara isostni li l-maxim vim vi repellere licet "non è soltanto applicabile alla repulsa delle offese personali; essa si estende a qualunque repulsa di ingiusto attacco alla proprietà, quando la difesa si eserciti entro i limiti del moderame."
>
> Dwar dan il-principju Professor Anthony J. Mamo isostni li: "No offence is committed if the agent has done the act in consequence of the necessity of defending his own possession rather than with the purpose of disturbing the possession of others".
>
> Illi pero' din il-Qorti tipprovdi li sabiex dan il-principju jissusti huwa importanti li l-att biex tirripella il-forza f'dan il-kaz it-tibdil tas-serratura isir bla telf ta' zmien u mhux gimgha wara kif gara f'dan il-kaz ta' tibdil ta' serratura f' Jannar 2017. Din id-difiza ghalhekk qed tigi michuda ukoll.

[18] Deċiża fis-6 ta' Novembru, 2018.

54. In oltre, fil-kawża **The Police vs. Jane Deguara**[19] intqal is-segwenti:

> Appellant claims that what she did does not amount to the arbitrary exercise of a pretended right in violation of Section 85 of the Criminal Code. She claims that since her husband had gained possession of the house in an arbitrary way, all that she had done was to put her mother back in sole possession of the house, in other words, to revert to the status quo ante. This Court cannot, in the instant case, accept this argument.
>
> It is true that doctrine has long since laid down the rules expressed in the maxims vim vi repellere licet and qui continuat non attentat. As Giulio Crivellari states in Il Codice Penale per il Regno d'Italia interpretato sulla scorta ecc. UTET, 1895:
>
> **"La massima vim vi repellere licet, come l'altra qui continuat non attentat…escludono l'esercizio arbitrario**.[20] Egli e` percio` che se per togliere il mio diritto di passaggio si erigera` una siepe, in quello stesso momento avro` diritto di abbatterla, allora respingero` un arbitrio, ma non commettero` mai un atto arbitrario."
>
> Likewise Francesco Antolisei:
>
> "L'ordinamento giuridico, infatti, ai fini della pace sociale, consente l'autotutela nei casi in cui si verifica il pericolo attuale di un attacco ingiusto, il che tradizionalmente viene espresso col principio generale vim vi repellere licet, e, nel caso specifico, con l'antica massima qui continuat non attentat. Pertanto, non commette esercizio arbitrario possessore di un fondo che, usando violenza, si oppone a taluno che violentemente cerca di occupare il fondo stesso. Nel conflitto delle pretese prevale l'interesse del possessore."

55. Huwa wkoll paċifiku illi sabiex din id-difiża tirnexxi, irid jiġi ppruvat li l-persuna li tkun qiegħda hekk taġixxi in difeża tal-propjeta' tagħha tkun aġixxiet tempestivament sabiex tirrespinġi tali perikolu/vjolenza u mhux ħafna żmien wara. Fis-senteza supra ċitat **Il-Pulizija vs. Jane Deguara** intqal is-segwenti:

> It is clear from the above, however, that for the principles contained in these salutary maxims to be applicable, the opposition to the threatened spoliation or the retaking of possession must be immediate. Thus, for

[19] Deċiża fil-5 ta' Diċembru, 2003.
[20] Emfasi ta' din il-Qorti.

> instance, if the landlord has forcibly evicted the person in possession of the premises by changing the lock to the door of the said premises while the possessor was out, the latter may, on returning in the evening force again the new lock and retake possession of the premises. He would not be guilty of the offence under Section 85 of the Criminal Code. But if the person who was in actual possession does nothing as soon as he becomes aware of the change, he cannot return two, three or four days later and break into the premises in exercise of his pretended right to re-acquire possession of the place. The raison d'etre for the principles above mentioned is that because of the actual threat of spoliation one cannot have recourse to the proper authorities – one has acted immediately to retain or to re-acquire possession. But if there is a certain lapse of time, then the law requires reference to the proper authorities.

56. Issa din il-Qorti rat li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) interpretat il-provi li kellha quddiemha fis-sens li wasluha għall-konvinzjoni li r-raġuni li mmotivat l-aġir tal-appellant biex jibdel is-serratura tar-residenza ma kinetx verament is-salvagwardja tal-iben vulnerabbli mill-insidji tar-riskji tal-COVID-19; iżda li huwa sab ix-xoqqa f'moxtha biex uża l-vulnerabbilta ta' ibnu bħala skuża biex iwettaq dak li - minn kliem il-parte civile stess - kien ilu biex jagħmel u cioe' li jitfagħha 'l barra fit-triq.

57. Il-kwistjonijiet dwar il-jeddijiet tal-parte civile fuq din ir-residenza – veri jew preżunti – kienu ilhom għaddejjin bejn il-partijiet. Il-provi juru li dawn il-kwistjonijiet kienu jmorru lura snin qabel l-inċident li wassal għal dan il-każ. Fi kwalunkwe każ, l-azzjoni tal-appellant li jaqfel lil Carolanne Mifsud barra minn dik ir-residenza, li kienet ukoll ir-residenza tagħha – kienet azzjoni li huwa ried li jintraprendi u li huwa konxjament u volontarjament wettaq. Din l-intenzjoni da parti tiegħu ma ġietx kontestata l-anqas minnu stess. Huwa jibbaża l-argument tiegħu fuq il-**<u>motiv</u>** tiegħu wara din l-azzjoni – u ċjoe li huwa jipproteġi lill-ibnu vulnerabbli mill-peregrinazzjonijiet t'ommu minn dik id-dar għall-post tax-xogħol

tagħha u lura – in kwantu kienet iżżid il-perikolu tat-tixrid tal-COVID-19. Biss dan il-motiv, bl-ebda mod ma janjenta jew jiġġustifika l-azzjoni tiegħu li jaqfel lil Carolanne Mifsud barra mir-residenza.

58. Anke jekk l-appellant setgħa ħass li kellu raġun fil-motivazzjoni tiegħu, l-azzjoni li kien messu ħa kellha tkun dik li jazzjona lil Carolanne Mifsud quddiem l-Awtorita Ġudizzjarja kompetenti – immedjatament u bl-urġenza debita li l-każ setgħa jimmerita f'dawk iċ-ċirkostanzi partikolari; iżda mhux dik li jaqbad u jaqfilha barra kif fil-fatt għamel; u dan għaliex anke jekk setgħa kellu raġun fil-motivazzjoni tiegħu, legalment ma setgħax jistrieħ fuq it-tieni proviso għall-artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali.

59. Dan għaliex ma ġiex pruvat, almenu sal-grad tal-probabbli, li l-azzjoni tiegħu kienet verament magħmula bħala **<u>miżura temporanja meħtieġa mill-bżonn attwali tad-difiża leġittima ta' wieħed innifsu jew ta' ħaddieħor</u>**. Semmai ġie soddisfaċentement ippruvat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) li l-miżura li huwa kien ħa – l-bdil tas-serratura tar-residenza – kienet miżura li kienet ilha tiġi kontemplata minnu – u li din il-miżura ma kienetx biss temporanja iżda li twalet maż-żmien; kienet miżura li ma kienetx meħtieġa esklussivament mill-bżonn attwali tad-difiża leġittima tal-minuri in kwantu ġie soddisfaċentement ippruvat mit-test tat-telefonata eżebit a fol 14 et seq - li huwa kien lest li jirċievi lil Carolanne Mifsud lura fir-residenza **<u>wara</u>** li hija tkun għamlet id-dikjarazzjoni legali li ma kellha ebda jeddijiet fuq dik ir-residenza.

60. Dik il-Qorti setgħet legalment u raġonevolment tikkonkludi li kieku verament il-motiv veru tiegħu għaliex kien qafilha barra kien dak li jipproteġi lil ibnu mill-insidji tar-riskji tal-COVID-19, wieħed kien

jistenna li huwa jibqa' jinsisti dwar li Carolanne Mifsud ma tirritornax lura minħabba r-riskju għal-saħħet it-tifel dovut għall-ġiri barra tagħha u mhux jinsistiti dwar li tidħol lura biss jekk hija tipprovdi dikjarazzjoni legali li ma għandhiex jeddijiet fuq ir-residenza de quo.

61. Biss din il-Qorti temmen li l-provi juru li l-appellant, prova jolqot żewġt għasafar b'ġebla waħda. L-appellant kien imħasseb u preokkupat bil-fatt li martu kienet qegħda tmur għax-xogħol barra mir-residenza tagħhom u b'hekk hija kienet qegħda tesponi lilha nnifisha – u per conseguenza lilhom ukoll - għal possibilita li tikkontratta dan il-virus ħafna aktar milli kieku hija baqgħet taħdem mid-dar tagħha. Din il-Qorti temmen ukoll li hija trid tifhem dan il-ħsieb tal-appellant skont iċ-ċirkostanzi li kienu prevalenti f'dak iż-żmien inċert fejn anke jekk kien għad hemm numru ta' każijiet li kien għadu relattivament żgħir, f'dak iż-żmien u f'dawk iċ-ċirkostanzi, kienu jidhru ferm aktar serji fid-dawl tal-inċertezza li kien hemm dwar din il-marda u l-effetti tagħha fil-bidu ta' din il-pandemija.

62. Iżda mill-banda l-oħra, din il-Qorti tqis li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienet korretta fl-interpretazzjoni tal-fatti tagħha meta kkonkludiet li f'dan il-każ kien ġie integrat ir-reat ta' ragion fattasi u li ma kienux ġew pruvati sal-grad tal-probabbli l-estremi tat-tieni proviso tal-artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali in kwantu l-motiv (almenu dak prinċipali u esklussiv) tal-appellant ma kienx daqstant dak li jipproteġi lill-iben vulnerabbli mir-riskji tal-COVID-19 prestati mill-ħruġ ta' Carolanne Mifsud mir-residenza tagħhom biex tmur taħdem fl-uffiċju tax-xogħol tagħha, daqskemm li jserraħ rasu li Carolanne Mifsud tidħol lura biss f'dik id-dar tar-residenza tagħha fis-Salina

wara li tkun iddikjarat legalment li hija ma kellha ebda jedd fuq dik ir-residenza.

63. F'dan l-isfond tal-provi għalhekk, din il-Qorti jidhrilha li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet legalment u raġonevolment tikkonkludi li f'dan il-każ l-elementi tar-reat ta' ragion fattasi ġew soddisfaċentement pruvati u li ma kienx japplika għal dan il-każ it-tieni proviso tal-artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali.

64. B'hekk dan l-ewwel aggravju tal-appellant qiegħed jiġi respint.

**Ikkunsidrat**

**Analiżi tal-provi miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u li fuqhom dik il-Qorti sabet lill-appellant ħati tal-unika imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu meritu tal-tieni aggravju tal-appellant.**

65. Illi permezz tal-Avviż Legali 111 tas-sena 2020, fit-28 ta' Marzu 2020 daħlet fis-seħħ l-Ordni tal-2020 dwar il-Protezzjoni tal-Persuni Vulnerabbli bl-iskop li jipproteġi lil dik il-lista ta' persuni li skont l-istess avviż legali kellhom jitqiesu vulnerabbli. L-imsemmija ordni kienet hekk **tapplika biss** għal din il-lista ta' persuni li jinsabu elenkati fis-subinċiż 2 tar-Regolament numru 2 u fosthom jinkludi persuni dijabetiċi bħat-tifel tal-partijiet ta' din il-kawża.

66. Dawn ir-regolamenti kellhom għan protettiv u preventiv, li pero ma kienx redatt b'mod assolut. Il-persuni meqjusa vulnerabbli verament ġew ordnati li jkunu segregati f'darhom. Iżda din is-segregazzjoni kienet tippermetti eċċezzjonijiet marbuta mal-eżiġenzi

professjoni tal-persuna vulnerabbli jew ma' xi skop speċifiku li jkun jeħtieġ lil persuna vulnerabbli sabiex ma tibqax segregata fir-residenza tagħha. Hekk per eżempju :

i. Iżda għall-finijiet ta' dan l-ordni, kwalunkwe persuna li tissodisfa l-paragrafi (a), (b) jew (ċ) u li tokkupa kariga pubblika, hija Membru tal-Parlament, impjegata fis-settur tas-servizzi tas-saħħa jew hija professjonista fil-qasam tal-kura tas-saħħa, u, jew, tokkupa pożizzjoni essenzjali ta' kap, għandha tkun eżentata minn din il-miżura sakemm dik il-persuna ma tagħżilx mod ieħor.
ii. Din il-miżura m'għandhiex tapplika f'każ li l-persuni vulnerabbli jkollhom bżonn jitilqu mir-residenza tagħhom sabiexj attendu appuntamenti mediċi, jiksbu kura jew trattament mediku, jakkwistaw ikel, mediċina, ħtiġijiet oħra ta' kuljum, jew sabiex jattendu kwalunkwe kwistjoni personali essenzjali jew urġenti oħra: Iżda l-persuni vulnerabbli għandhom jillimitaw il-perjodu fil-beraħ għall-inqas ħin possibbli u għandhom f'kull ħin jeżerċitaw distanza soċjali.
iii. Is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika tista', fid-diskrezzjoni assoluta tagħha, teżenta minn din il-miżura kwalunkwe persuna vulnerabbli jew kategorija ta' persuni vulnerabbli msemmija fis-subartikolu (2).

67. B'hekk dan ifisser li persuni vulnerabbli kien possibbli għalihom li ma jibqgħux segregati fir-residenza tagħhom sabiex jattendu appuntamenti mediċi, jakkwistaw l-ikel u ħtiġijiet oħra ta' kuljum, filwaqt li dawk li jokkupaw kariga pubblika, Membru tal-Parlament, impjegati fis-settur tas-servizzi tas-saħħa jew professjonista fil-qasam tal-kura tas-saħħa, u, jew, jokkupaw pożizzjoni essenzjali ta' kap, kienu eżentati minn din il-miżura; bħal ma setgħu kienu jiġu eżentati wkoll persuni oħra - mis-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika fid-diskrezzjoni assoluta tagħha.

68. Jiġifieri anke persuni li kienu ritenuti vulnerabbli u li kienu msemmija f'dan l-Avviż Legali jew li kienu espressament eżentati minnu mis-Superintendent tas-Saħħa Pubblika setgħu jkomplu għaddejjin bil-ħajja professjonali tagħhom – aħseb u ara persuni

oħra li ma kienux ritenibbli bħala vulnerabbli skont din l-Ordni. Fil-fatt din l-**<u>Ordni ma kienetx tolqot bl-ebda mod lill-persuni li ma kienux meqjusa vulnerabbli</u>** u li jista' jagħti l-każ li jkunu jirrisjedu fl-istess fond ta' persuni vulnerabbli.

69. Din il-Qorti taqbel mal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) li Carolanne Mifsud ma kienitx qiegħda tikser il-provvediment tas-Supretendent tas-Saħħa meta hija kienet qiegħda tirraporta għax-xogħol. Dan indipendentement mill-fatt ta' jekk hija setgħetx taħdem mid-dar jew jekk min kien iħaddimha kienx jippermettulha tagħmel dan. Setgħa kien aktar rakkomandabbli għaliha li taħdem mir-residenza tagħha biex tnaqqas kemm tista' r-riskju għaliha u għal uliedha. Iżda ma jistax jingħad li, għax ma mxietx ma din ir-rakkomandazzjoni hija kienet qegħda tikser il-Liġi; jew li n-nuqqas li timxi ma din ir-rakkomandazzjoni kien jintitola lill-appellant li jaqfilha barra mir-residenza tagħha billi jbiddel is-serratura tal-istess.

70. Ghaldaqstant, dan it-tieni aggravju tal-appellant qiegħed jiġi hekk miċħud.

**Ikkunsidrat**

**L-Aggravju dwar il-piena**

71. Issa, f'materja ta' appell minn piena, huwa paċifiku li sabiex Qorti tal-Appell tibdel il-piena li tkun erogat l-ewwel Qorti, dan tagħmlu biss fl-eventwalita' li jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata jew manifestament eċċessiva. Hekk ġie mistqarr mill-Qorti tal-Appell

Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek** deċiża nhar il-25 t'Awissu 2005 :

> It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):
>
> "The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."[2]
>
> This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.

72. Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar il-fuq fl-appell **Kandemir** u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb**, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' appell ma tiddisturbax

is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliċiment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju wara l-emanazzjoni ta' dik il-piena. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-Ingilterra żviluppat ukoll il-kunċett ta' sindakabilita tal-piena tal-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-każ li din tkun eċċessiva jew manifestament eċċessiva. Biss dan ma jfissirx li sempliċiment għax sentenza tkun tidher li hija fuq in-naħa aktar severa din tkun tissodisfa dan it-test tal-eċċessivita jew eċċessivita manifesta. Anzi dik il-Qorti ttenni li appell fuq tali piena jkun jista' jiġi milqugħ jekk jirriżulta li s-sentenza tkun barra l-parametri tal-piena li tkun applikabbli :

a. għall-offiża in kwistjoni u
b. għaċ-ċirkostanzi tal-ħati

u mhux għaliex tkun piena li tkun għola minn dik li kieku l-Qorti tal-Appell kienet teroga għall-każ in kwistjoni. Dawn il-prinċipji ġew ukoll imħadnin minn din il-Qorti, kolleġjalment komposta fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmen Butler et** deċiża nhar is-26 ta' Frar 2009 fejn ġie mistqarr ukoll is-segwenti :

> Fil-verita`, dawn il-principji huma rifless tal-principju l-iehor li meta jkun hemm sentenza li tigi appellata mill-hati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel qorti sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li

l-ewwel qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti) li kien jincidi b'mod partikolari fuq il- piena. S'intendi, kif diga` nghad, "sentencing is an art rather than a science" u wiehed ma jistax jippretendi xi precizjoni matematika jew identita` perfetta fit-tqabbil tal- fatti ta' kaz ma' iehor jew tal-piena erogata f'kaz ma' dik erogata f'kaz iehor.

73. Il-ġurisprudenza prevalenti f'dan il-kuntest, tgħallem li meta Qorti tiġi biex teroga piena trid tieħu kont taċ-ċirkostanzi kollha li jsawru l-każ, jiġifieri dawk tal-vitmi, l-interessi tal-komunita kollha kemm hi, kif ukoll dawk tal-ħati. F'dan is-sens, kemm il-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik Ingliża tistabbilixxi li fl-eżerċiżżju ta' reviżjoni imħolli lilha, il-Qorti tal-Appell Kriminali trid tistħarreġ appell fuq il-piena inflitta kemm billi tqis iċ-ċirkostanzi kollha prevalenti li l-Qorti tal-Ewwel Istanza setgħet kienet f'qagħda li tara, kif ukoll, skont kif imsemmi fis-sentenza **Butler** tqis anke, possibilment, lil xi ċirkostanza sussegwenti għas-sentenza ta' l-ewwel Qorti.

74. Mistqarra dawn il-prinċipji, din il-Qorti tqis li l-piena inflitta mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fil-konfront tal-imputat kienet fil-parametri legali preskritti mill-Artikolu 85(1) tal-Kodiċi Kriminali – anke jekk jirriżulta li kienet fil-massimu tal-piena karċerarja, għalkemm din ġiet, sospiża għal perjodu ta' tnax-il xahar skont l-Artikolu 28A(1) tal-Kodiċi Kriminali. Kif qalet aktar il-fuq din il-Qorti jidhrilha li f'dan il-każ l-appellant ipprova, sal-grad tal-probabbli, li fiċ-ċirkostanzi tal-pandemija li kienu prevalenti fit-3 t'April 2020, huwa kien ukoll preokkupat mill-fatt li ibnu setgħa jkun aktar espost għar-riskju li jikkontratta l-COVID-19 dovut għall-fatt li martu kienet toħroġ mid-dar biex tmur l-uffiċju taħdem. Kif intqal aktar il-fuq dan il-fatt ma jiġġustifikaħx fl-azzjoni li għamel u l-anqas ma jxejjen ir-

responsabbilta penali tiegħu. Iżda f'dan l-isfond din il-Qorti tqis li l-piena inflitta ta' tliet xhur priġunerija – anke jekk sospiżi - kienet xorta waħda tibqa' piena ta' priġunerija. Dil-Qorti tqis li din il-kwalita u kwantita ta' piena kienet eċċessiva għaċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ meqjusa fl-isfond tal-anteċedenti penali tal-appellant. Din il-Qorti jidhrilha li fiċ-ċirkostanzi kienet aktar indikata piena pekunjarja.

75. Għall-fini tal-għall-applikazzjoni tal-Artikoli 85(2) u l-Artikolu 377 tal-Kodiċi Kriminali, din il-Qorti tosserva li l-liġi hija ċara in kwantu tirrikjedi li f'każ ta' sejbien ta' ħtija f'sitwazzjoni fejn is-suġġett passiv tar-reat ikun subixxa spoll, l-akkużat irid jieħu dawk il-miżuri sabiex il-persuna li tkun hekk bgħatiet l-ispoll titpoġġa fis-sitwazzjoni li kienet fiha qabel ma bgħatiet l-ispoll. Dan ifisser li l-appellant GRECH MINTOFF irid neċessarjament jerġa' jagħmel l-imsemmi fond aċċessibbli għal Carolanne Mifsud u dan sabiex jiġi ripristinat l-istatus quo ante. Naturalment dan qiegħed jingħad bla ħsara għall-jeddijiet ċivili talvolta kompetenti tal-partijiet u terzi persuni relattivament għal dik l-istess proprjeta, liema jeddijiet għandhom jiġu dibattuti quddiem l-Awtorita Ġudizzjarja kompetenti, jekk ikun il-każ.

# Deċide

Konsegwentement, din il-Qorti qegħda tilqa' l-appell ta' Ivan GRECH MINTOFF in parti billi tħassar is-sentenza appellata biss f'dik il-parti

tagħha fejn ikkundannatu għall-piena ta' tliet xhur priġunerija li bis-saħħa tal-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali ġew sospiżi għal perjodu ta' tnax il-xahar mid-data tas-sentenza u minflok tikkundannah għall-piena t'elfejn euro multa (€2000).

Altrimenti, safejn mhux mibdula b'din is-sentenza, din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata fil-kumplament tagħha.

**Aaron M. Bugeja**
**Imħallef**